# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 539/2015**

Il-Pulizija

vs

**Henry Grogan**

Iben Carmel, imwieled Pieta' fil-4 ta' Lulju, 1984, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 328884(M)

Illum, 14 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Henry Grogan quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar id-dsatax (19) ta' Marzu, 2015, għal ħabta tat-tlieta (3) ta' wara nofs in-nhar (15:00 hrs), minn Triq Lapsi, fis-Siġġiewi:

1. Ikkommetta serq (ta' musmar tal-kostruzzjoni) liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Nicholas Farrugia;

2. Laqa’ għandu ħwejjeġ misruqa, [ċioé musmar tal-kostruzzjoni, ta’ valur li jeċċedi l-elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37)] meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan isir f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod li jkun, indaħlu biex ibiegħhom jew imexxihom;

3. Talli kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja mposti mill-Qorti tal-Maġistrati preseduta mill-Maġistrat Dott. Josette Demicoli LL.D., f’dan li ma jikkommettiex delitt ieħor ta’ natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kondizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 579 (2) tal-Kapitlu 9 Liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti giet mitluba li f’każ ta’ ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Henry Grogan u tordna l-arrest mill-ġdid ta’ l-imsemmi appellat kif ukoll tordna li s-somma ta’ €500 depożitu u €6,000 garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

4. Talli kiser il-kondizzjonijiet tal-libertà proviżorja imposti mill-Qorti tal-Maġistrati presdeuta mill-Maġistrat Dott. Miriam Hayman LL.D., f’dan li ma jikkomettiex delitt ieħor ta’ natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest, fost kondizzjonijiet oħra kif ordnat li jagħmel mill-istess Qorti u dan bi ksur ta’ l-artikolu 579 (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Il-Qorti giet mitluba li f’każ ta’ ħtija tirrevoka l-ħelsien mill-arrest ta’ l-imsemmi Henry Grogan u tordna l-arrest mill-ġdid ta’ l-imsemmi appellat kif ukoll li s-somma ta’ €5,000 depożitu u €10,000 garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta’ Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tirtratta mal-appelat bħala reċediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta’ Mejju, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe’ l-artikoli 11, 49, 50, 279, 289, 334 u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ddikjarat li sabet lill-imputat HENRY GROGAN hati tal-ewwel akkuza u tar-raba’ akkuza u cioe’ talli huwa recidiv u ikkundannatu tlettax-il xahar prigunerija effettivi. Fir-rigward tat-tieni akkuza, il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni taghha stante li din inghatat b’mod

alternattiv ghall-ewwel akkuza u gja' sabitu hati taghha. Fir-rigward tat-tielet akkuza, il-Qorti ordnat l-konfiska tal-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€21,500) favur il-Gvern ta' Malta, pero' stante li l-imputat huwa ndigenti u m'ghandux mezzi finanzjarji kkonverti din il-multa ghal sena *Kump Nru: 917/15 Il-Pulizija (Spettur Kylie Borg) vs HENRY GROGAN* prigunerija effettiva addizzjonali, u dan ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-istess hin irrevokat l-liberta' provizorja moghtija lill-imputat permezz ta' dawn iz-zewg digrieti, cioe' dak moghti mill-Magistrat Josette Demicoli moghti nhar il-25 ta' Settembru 2014 u dak moghti mill-allura Magistrat illum Imhallef Miriam Hayman fis-6 ta' April 2010.

In oltre, ghamlet rakkomandazzjonijiet taghha lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputat jinghata ghajnuna sabiex jindirizza l-problema tieghu ta' abbuz ta' droga.
Il-Qorti ordnat, li ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fil-11 ta' Dicembru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tiddikjara tali sentenza nulla u tipproċedi sabiex tagħti sentenza skont il-liġi.

JEW, ALTERNATTIVAMENT, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn, fuq ammissjoni tiegħu stess sabet lill-appellat ħati ta' l-imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni; u tħassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliġġi piena idoneja u ġusta skont il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-tletin (30) ta' Novembru, 2015, ai termini tal-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest hekk kif ser jiġi spjegat aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors.

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponent jirrileva illi s-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet fuq premessi mogħtija fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Novembru, 2015, hija nulla u dan stante illi għalkemm il-Qorti sabitu ħati ta' l-akkkużi kollha dedotti kontrih, hija naqset milli tiċċita l-artikoli kollha tal-liġi li jikkontemplaw ir-reati li tagħhom l-appellat instab ħati. In fatti, minkejja li l-appellat rreġistra ammissjoni u nstab ħati ta' serq ikkwalifikat bil-valur u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiċċita l-artikoli tal-liġi li jikkontemplaw r-reat ta' serq hekk ikkwalifikati, ċioé, l-artikoli 261(a)(ġ), 267 u 271(ġ) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi f'tali ċirkostanzi, l-artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li:

> *Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u* ***ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat****.*

Illi in oltre, il-ġurisprudenza nostrana, in-nuqqas li jiġi rispettat strettament il-vot tal-liġi fl-artikolu 382 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jimporta n-nullità tas-sentenza appellata. Dan għaliex dan in-nuqqas jammonta għal nuqqas ta' formalità sostanzjali fis-sens ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, f'liema każ, jintitola lil din il-Qorti li tħassar is-sentenza appellata.[1]

Illi fit-tieni lok, subbordinarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti erogat piena illi fil-kwantità tagħha hija differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reati li dwarhom l-appellat instab ħati fuq ammissjoni tiegħu.

Dana qiegħed jingħad il-għaliex il-piena inflitta fuq l-appellat hija piena taħt il-minimu preskritt mil-liġi u dana hekk kif ser jiġi spjegat iżjed 'il quddiem.

Illi għaldaqstant dan l-umli appell qiegħed jiġi interpost ai termini tal-artikolu 413(1)(ċ) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[1] Il-Pulizija vs. Jeffrey Savage Qorti ta' l-Appell Kriminali Onor. Imħallef David Scicluna datat 01 ta' Ġunju 2011.

Illi hekk kif l-esponent diġa' spjega aktar 'il fuq, l-appellat instab ħati, *inter alia*, ta' serq ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgħin ewro u sebgħa u tletin ċentenżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

Illi minn eżami akkurat tad-disposizzjonijiet tal-liġi li jitrattaw dwar serq hekk ikkwalifikat, ċioé artikoli 261(ċ) u (ġ), 267, 271(ġ), 279(b) u 280(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta Malta, jirriżulta illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt timponi piena ta' tlettax-il xahar priġunerija għall-ewwel akkuża (serq kkwalifikat bil-valur li jeċċedi €2329.37 u bix-xorta tal-ħaġa) **u** għall-addebitu tar-reċediva flimkien.

Dana qiegħed jingħad peress li l-minimu preskritt mil-liġi għar-reat ta' serq kkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgħin ewro u sebgħa u tletin ċentenżmu (€2329.37) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa huwa erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija u dana bl-applikazzjoni ta' l-artikolu, 279(b), 280(1) u 20 tal-Kapilu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-artikolu 279(b) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> *Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur"* ***<u>biss</u>****, jeħel...jwkk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn €2329.37, il-****piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba' snin****.*

Illi di più, l-artikolu 280(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

> ***Meta s-serq ikkwalifikat bil-"valur" ikun akkumpanjat b'waħda jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra****, iżda mhux b'dik ta' "vjolenza" jew tal-"mezz", il-ħati jeħel, skont il-każ,* ***il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-minimum tagħhom****.*

Illi fil-każ de quo, l-artikolu 280(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta huwa applikabbli stante illi s-serq li tiegħu l-appellat instab ħati huwa kkwalifikat kemm bil-valur kif ukoll bix-xorta tal-ħaġa.

Illi in oltre, ai termini ta' l-artikolu 20 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata* ***għandha dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum****.*

Illi fil-każ odjern id-differenza bejn il-mimimu (tlettax (13)-il xahar priġunerija) u l-massimu (seba' (7) snin priġunerija) tal-piena applikabbli (skont kif intqal iktar 'il fuq) hija ta' wieħed u sebgħin (71) xahar priġunerija, li terz tal-istess differenza tammonta għal bejn wieħed u ieħor erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija. Għaldaqstant ai termini tad-disposizzjonijiet tal-liġi hawn fuq ċitati isegwi li l-piena minima applikabbli għall-appellat fil-każ odjern fir-rigward ta' l-imputazzjoni ta' serq ikkwalifikat **biss** kienet dik ta' erbgħa u għoxrin xahar (24) priġunerija u per konsegwenza l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt tinżel taħt l-imsemmija piena minima ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar priġunerija hekk kif fil-fatt għamlet. Dana qiegħed jingħad ukoll *konsiderando* il-fatt li fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti ma saret l-ebda referenza għall-artikolu wieħed u għoxrin (21) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma jissemmew xi raġunijiet speċjali u straordinarji kif jirrekjedi l-imsemmi artikolu wieħed u għoxrin sabiex il-Qorti tkun tista' tinżel taħt il-minimu tal-piena preskritta mil-liġi.

Illi fir-rigward tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet hekk kif imsemmija aktar 'il fuq, l-artikolu 579(2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta Malta jipprovdi illi:

> *Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u* ***teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-ammont stabbilit fil-ħelsien***

***mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta***.

Illi fil-każ de quo, l-Ewwel Onorabbli Qorti ordnat il-konfiska tas-somma wieħed u elfejn u ħames mitt ewro (€21,500), rapprezentanti ħmistax-il elf ewro (€15,000) depożitu u garanzija personali imposti mill-allura Maġistrat illum Imħallef Dr. Miriam Hayman LL.D. dak in-nhar tas-sitta (6) ta' April 2010 u ta' sitta elef u ħames mitt ewro (€6,500) depożitu u garanzija personali imposti mill-Maġistrat Dr. Josette Demicoli LL.D. dak in-nhar tal- ħamsa u għoxrin (25) ta' Settembru 2014. B'applikazzjoni ta' artikolu 11(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Onorabbli Qorti ikkonvertiet din is-somma għal sena priġunerija effettivi stante illi l-appellat huwa indiġenti u m'għandux mezzi finanzjarji. Madankollu, ai termini ta' l-artikolu 579 (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta hawn fuq ċitat, **l-Ewwel Onorabbli Qorti kient obbligata tgħaddi sabiex issib l-appellat ħati għall-ksur tal-kundizzjonijiet għall-ħelsien mill-arrest u timponilu multa jew alterimenti piena ta' perjodu ta' priġunerija jew it-tnejn flimkien**. Illi in vista tal-fatt illi l-appellat m'għandux mezzi finanzjarji sabiex iħallas kwalunkwe multa, l-esponent huwa ta' l-umli fehma illi jkun inutli illi din il-Qorti timponi multa fil-konfront ta' l-appellat għat-tielet u r-raba' akkuża u għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi l-Qorti għandha timponi piena ta' perjodu ta' priġunerija effettiv.

Illi in oltre l-esponent jirrileva ukoll illi l-appellat ammetta ukoll illi huwa rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, mingħajr preġudizzju u subsidjarment għas-suespost għalkemm l-esponent jifhem illi żieda fil-piena erogata bi grad jew tnejn hija waħda diskrezzjonali u mhux tassattiva, fil-każ odjern huwa ta' l-umli fehma illi l-piena ta' priġunerija effettiva għandha tiżdied minn ta' l-anqas bi grad u dana *konsiderando* li l-appellant diġà nstab ħati ta' reati mill-Qrati Kriminali, fosthom ta' riċetazzjoni, u minkejja li tali Qrati ma mponux pieni ħorox fuq l-appellat, xorta l-appellat ma għarafx jirriforma ruħu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma tnejn. L-ewwel aggravju jirrigwarda l-fatt li s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti hi nulla minhabba l-fatt li mhux l-artikoli tal-ligi kollha gew indikati u skont l-Avukat Generali dan igib in-nullita' tas-sentenza a bazi tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-appellat gie mixli b'diversi akkuzi izda l-ewwel Qorti naqset li tindika l-artikoli kollha tal-ewwel akkuza. L-artikoli tal-ligi gew korrettament indikati ghal dak li jirrigwarda l-akkuzi l-ohra. Ta' din l-akkuza l-Avukat Generali ghandu raguni. Ghalhekk, din il-Qorti ser thassar u tirrevoka s-sentenza dwar l-ewwel akkuza biss u tikkonferma l-kumplament. Quddiem din il-Qorti l-appellat ma biddilx il-fatt li hu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u ghalhekk l-ammissjoni maghmula fl-ewwel seduta ghada in vigore.

Illi t-tieni aggravju tal-Avukat Generali hu l-fatt li l-ewwel Qorti erogat piena mhux konsona mal-akkuzi li bihom gie akkuzat l-appellat. Ghandu jigi rilevat li l-appellat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fl-ewwel udjenza tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti. Hu car li b'ammissjoni bikrija l-appellat kellhu jibbenefika minn riduzzjoni tal-piena. Din il-Qorti taqbel mal-piena erogata mill-ewwel Qorti u ghalhekk mhux qed tilqa l-appell tal-Avukat Generali.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tilqa l-appell tal-Avukat Generali limitatament ghall-ewwel akkuza. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Minflok, wara li rat l-artikoli 261(a)(g), 267, 271, 279 u 280 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellat ghal piena ta' tlettax il-xahar prigunerija. Tikkonferma l-kumplament tas-sentenza.